MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 89/2008

**Graziella Zahra**

**Vs**

**Noel Cutajar**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici nhar it-28 ta' Frar 2008 fejn talbet lil Qorti tordna lill-konvenut iroddilha lura fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti diversi effetti mobbli, komprizi dokumenti personali appartenenti lilha w li jinsabu fil-pusess tieghu, u fin-nuqqas ihallasha l-valur taghhom flimkien mas-somma ta' hames mija tlieta u tmenin Ewro (€583.00) rapprezentanti l-bilanc dovut da parti tieghu dwar self *brevi manu* maghmul lilu.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' zewg ittri legali u bl-imghax legali kontra tieghu li huwa ingunt in subizzjoni.

Ghal fini ta’ kompetenza gie dikjarat li l-valur tat-talba ma teccedix il-hdax-il elf, sitt mija u seba u sebghin Ewro (€11,647).

Rat ir-risposta tal-konvenut prezentata nhar it-2 ta’ Lulju 2008 fejn espona s-segwenti:-

l. “*Illi fl-ewwel lok ma kien hemm l-ebda self brevi manu, kif qed jinghad, minghand l-attrici.*
*2. Illi dwar l-oggetti mobbli li qieghda titlob l-istess attrici fil-kawza, dawn il-parti l-kbira minnhom gew ikkonsenjati u l-bqija m’ghandhom ebda valur. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.*
*3. Salv eccezzjonijiet ohra.”*

Semghet lill-attrici **Graziella Zahra** tixhed fis-seduta tas-6 ta’ Novembru 2008 u kkonfermat li hija kellha relazzjoni mal-konvenut u din kienet ilha ghaddejja ghal perijodu ta’ bejn hames u sitt snin. Ghalkemm kienu ilhom li hassru xi sentejn u tlett xhur qabel ma xehdet. Minn din ir-relazzjoni kellhom tifel Frederick.

Qalet li waqt li kienet gharusa mal-konvenut, dan kien jghix maghha ghand ommha, w fil-fatt ghamlu xi sentejn u tlett xhur jghixu hemm, imbaghad marru jghixu ghand ommu w ghamlu xi erba’ xhur jghixu hemmhekk. Izda wara dan il-perijodu telqet minghand ommu w marret lura ghand ommha. Hija esebiet elenku tal-oggetti li hija halliet ghand ommu warajaha, dawn jinsabu deskritti fid-Dokument Z esebit minnha. Qalet li dawn l-oggetti qatt ma gew ritornati lilha. Spjegat li fuq dan id-dokument hija kitbet il-valur tal-oggetti meta kienet xtrathom. Ikkonfermat li kien taha lura xi hwejjeg u dawn hallihomlha ghand ommha.

Spjegat li fost id-dokumentazzjoni li hija ghandha ghand ommu hemm passaport, karti dokumentarji, certifikati tal-O levels, *statements* tal-Bank u affarijiet simili. Qalet li hija talbithomlu diversi drabi w dan kien jghidilha li xi darba tohodhom, izda issa qed jghidilha li l-Qorti ma thallihiex tohodhom.

Nhar id-19 ta’ Jannar 2009 regghet xehdet u spjegat li l-konvenut kien qed jippretendi li jzomm ir-Ronic Food Processor, sodda, Griglioso, dinner set, kutra u fridge. Qalet li dawn l-oggetti jinsabu ghand ommu w hu qed jippretendi li jzomm nofshom. Tikkonferma li effettivament il-konvenut kien xtara dawn l-oggetti hu personalment u ghalhekk hija m’ghandha l-ebda pretensjoni dwarhom. Qalet li l-oggetti personali taghha jikkonsistu f’dokumentazzjoni varja w dawn jinsabu ghandu, w il-konvenut qed jirrifjuta li jghaddihomlha.

Dwar l-ammont ta’ hames mija w tlieta w tmenin Ewro (€583) li qed tippretendi minghandu, tghid li l-konvenut kien xtaq jixtri *television* li kien jiswa elf lira Maltin (LM1000) u ommha sellfitu l-flus, bil-kundizzjoni li taghmillu tajjeb hi f’kaz li huwa ma jhallashiex lura. Ikkonfermat li sa dakinhar li xehdet kien ghadu ma hallashiex lura.

In kontro-ezami nhar is-26 ta’ Jannar 2010 tikkonferma li l-konvenut kien ghad baqaghlu jaghti s-somma ta’ hames mija w tlieta w tmenin Ewro (€583) lil ommha. Ikkonfermat ukoll li l-oggetti li qed titlob lura huma proprjeta’ taghha mixtrija minnha kemm qabel ma bdiet ir-relazzjoni mal-konvenut kif ukoll matul ir-relazzjoni, pero’ dejjem bi flusha. Ikkonfermat ukoll li l-valur moghti fuq id-dokument esebit a fol. 14 huwa l-valur tal-oggetti meta gew mixtrija w taf ukoll li kemm damu flimkien dawn l-oggetti ntuzaw.

L-attrici regghet xehdet in kontro ezami nhar il-15 ta’ Novembru 2010 u kkonfermat li hija kellha xi ftit ricevuti izda mhux ta’ kollox. Qalet li kellha l-ircevuta tal-*washing machine* u tal-borom, izda ghand il-konvenut kellha diversi ricevuti ohra. Dwar il-*pram 3 in 1* tghid li ghalkemm il-konvenut jichad li kienet taghha, din kienet xtrathielha ommha minghand Chicco ta’ St. Luke’s Road, G’Mangia w dan peress li ommha kienet il-parrina tat-tarbija. Dwar il-wicc ta’ Kristu, dan kien xtrah Noel, izda zzid li kien xtrah minghand wiehed Taljan u kien tahulha rigal ghal festa ta’ San Valentinu. Hija giet murija numru ta’ cekkijiet

esebiti fl-atti, w qalet li dawn huma numru ta' cekkijiet li kienet tat lil Montebello ghax-xiri tal-vettura. Tghid pero' li ma kinux kollha.

Semghet lil **Anthony Caruana** jixhed fil-11 ta' Gunju 2009 u jghid li huwa habib ta' missier l-attrici, w zied li xi sena u nofs qabel missierha kien talbu pjacir sabiex igorr xi sett tal-kamra tas-sodda w xi affarijiet ohrajn. Qal li kien mar ghandu w zarma kamra tas-sodda u hadha f'post fil-Hamrun, li jekk mhux sejjer zball hu post li jappartjeni lill-gharus tal-attrici. Qal li kien garr sodda matrimonjali w gwardarobba. Mitlub jghid x'kienu l-oggetti l-ohra jghid li ma jafx.

Rat in-nota **tal-konvenut** prezentata nhar it-8 t'Ottubru, 2009, li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu li gie mmarkat bhala Dok NC 1. Qal li huwa kien iltaqa' mal-attrici xi tmien snin qabel ma xehed u dam f'relazzjoni maghha ghal perijodu ta' sitt snin. Ikkonferma li minn din ir-relazzjoni twieled tifel. Qal li huwa ma jafx x'inhuma dawn l-oggetti li qed tippretendi, ghaliex jghid li l-attrici stess tikkonferma fix-xhieda taghha li huwa kien taha hwejjigha lura. Jispjega li dwar in-*nappy changer* mitlub mill-attrici, dan kien tahulu huh u fil-fatt jghid li l-attrici lanqas biss kitbet il-prezz tieghu. Jghid li l-*frame, heater, cutlery set, u kennel* li hemm fil-lista, huma taghhon it-tnejn.

In kontro-ezami nhar l-20 ta' Mejju 2010 ibiddel parti mix-xhieda tieghu precedenti u jghid li l-*cutlery set* msemmi mill-attrici kien xtrah hu mill-fiera tan-Naxxar ghalkemm ricevuta tieghu m'ghandux (u ghalhekk mhux taghhom it-tnejn izda skond hu huwa tieghu). Dwar il-*pram 3 in 1* jghid li parti minnu, w cioe' l-*car seat* dan jinsab ghand huha. Qal ukoll li l-kwadru tal-wicc ta' Kristu kien xtrah hu, w huwa proprjeta' tieghu.

Dwar il-valuri moghtija mill-attrici jghid li ma jaqbilx maghhom ghaliex fil-fatt dawk kienu l-prezzijiet tal-oggetti ta' meta nxtraw godda, w inoltre hemm diversi oggetti li huma mitfughin bl-addocc u s-somma t'erbgha mija w hamsa w sittin Ewro w hamsa w tmenin centezmu

(€465.85) ghal hwejjeg u zraben hija eccessiva. Dwar il-bqija tal-oggetti jghid li l-valur taghhom huwa ferm inqas minn dak indikat, u dan ghaliex ghaddew is-snin minn fuqhom.

Huwa jichad li kien issellef is-somma ta' hames mija w tlieta w tmenin Ewro (€583) minghandha.

Semghet lil **Alfred Cutajar**, hu l-konvenut, jixhed fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009 u jghid li kien hu li kien ha l-affarijiet tat-tifel lura ghand l-attrici meta r-relazzjoni taghha minn ma' huh kienet spiccat. Jaf li kien ha boroz bil-hwejjeg u sodda minghand ommu sad-dar tieghu u missierha kien mar jigborhom minghandu. Mistoqsi x'kien hemm fil-boroz jghid li ma jafx, ghaliex kienu ssigillati.

Semghet lil **Jesmond Cutajar,** ukoll hu l-konvenut, jixhed nhar it-8 ta' Ottubru 2009 u jghid li kien silef *nappy changer* lill-kontendenti.

Rat l-affidavit ta' omm l-attrici **Maria Lourdes Zahra** datat 28 ta'April 2009 fejn stqarret li bintha kellha relazzjoni ma' guvni iehor qabel ma ltaqghet mal-konvenut u kienet tghinha tixtri dak li kien hemm bzonn ghal meta tigi biex tissetilja. Meta kienet tohrog mal-konvenut kienet tghidilha biex ma tghaddix hafna hin wahedha d-dar mal-konvenut, ghaliex setghet tkun taf ghal xhiex kienu jwasslu t-tentazzjonijiet. Dan nonostante bintha harget tqila, u wara li harget tqila ghamlu kwazi sentejn jghixu maghha. Darba minnhom tiftakar li kellha xi tghid mal-konvenut u l-konvenut dehrlu li postu ma kienx aktar ghandha w ghalhekk bintha marret tghix mieghu ghand ommu flimkien ma' binhom. Kienet ghenet lil bintha tixtri *bedroom set* ghal valur ta' tlett elef erba' mija w erbgha w disghin Ewro (€3,494), sett tal-borom u *Tupperware bowls* ghall valur ta' elf tliet mija w sebgha w disghin Ewro (€1,397), bjankerija ghall-valur ta' erba' mija w hamsa w sittin Ewro (€ 465), *3 in 1 pram* ghall-valur ta' sitt mija w tmienja w disghin Ewro (€698), kif ukoll *washing machine* ghall-valur ta' hames mija w erbghin Ewro (€540). In oltre tghid li zewgha kien xtara ghal binthom l-attrici computer bid-desk u siggu ghal prezz ta' elf lira maltin (Lm1,000).

Spjegat ukoll li l-attrici bi flusha kienet xtrat oggetti ohrajn bhal accessorji ghall-kcina li jinkludu *cutlery set* u *freezer*, sigra tal-milied u *decorative vases.*

Ikkonfermat li meta bintha w il-konvenut marru jghixu ghand ommu, huma hadu dawn l-oggetti taghha kollha maghhom oltre l-hwejjeg taghha w ta' binha. Hadet maghha wkoll id-dokumenti kollha personali li kellha, nkluz ir-ricevuti tal-oggetti li kienet xtrat. Dan tafu ghaliex kien zewgha stess li ttrasporta dawn l-affarijiet s'ghand omm il-konvenut.

Wara ftit xhur bintha temmet ir-relazzjoni li kellha mal-konvenut u marret tghix lura ghandha flimkien ma' binha, izda ma hadet xejn lura maghha. Taf pero' li wara xi zmien il-konvenut kien halla xi hwejjeg ta' bintha fuq il-parapett taghha u ghajr ghal dawn l-oggeti kien halla kollox ghand ommu.

Qalet li bintha baqghet tghix maghha u taf li kemm-il darba talbet lill-konvenut sabiex jaghtiha dawn l-oggetti, izda dan dejjem irrifjuta.

Ikkonfermat ukoll illi waqt li l-konvenut kien ghadu qed jghix maghha kien xtaq jixtri television li kien jsiwa elf lira maltin (Lm1000) u kienet qablet li tislifu l-flus basta li bintha taghmel tajjeb ghalihom. Ikkonfermat li kien ghad fadallu bilanc ta' hames mija w tlieta u tmenin Ewro (€583) x'iroddilha lura.

In kontro ezami viva voce tghid li l-konvenut kien ghad fadallu jaghtiha s-somma ta' mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250). Ikkonfermat li l-konvenut kien halla xi hwejjeg ta' bintha w xi affarijiet tat-tifel fil-parapett taghha. Mistoqsija jekk kienx hemm xi kitba dwar il-flus li kienet silfet lill-konvenut tghid li kienet tistma lill-konvenut daqs li kieku kien binha w ghalhekk kitba ma kienx hemm bejniethom. Qablet ukoll mad-difiza li l-konvenut kien irritorna wkoll il-*Christmas Tree*.

Rat l-affidavit ta' missier l-attrici, **John Zahra** datat 28 t' April 2009 u dan ikkonferma dak kollu li qalet martu w

ikkonferma li l-konvenut ghadu sa llum ma jridx jirritorna lil bintu l-oggetti taghha.

In kontro-ezami nhar it-13 ta' Lulju 2010 ikkonferma li l-konvenut irritorna l-passaport ta' bintu bl-ghajnuna tal-pulizija. Dwar il-pagamenti tal-karozza jghid li kien imur hu bil-pagamenti ghand Montebello, w dawn ma setghux ikunu inqas minn mija w hmistax-il Lira Maltin (Lm115) fix-xahar u fil-fatt kienu jhallsu aktar.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2010 u rat li l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza, l-istess bhal fil-kawza l-ohra li kien hemm pendenti bejn il-partijiet deciza llum stess, din il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **<u>Joseph Tonna vs Philip Azzopardi</u>** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras dwar il-grad ta' prova li trid tressaq l-attrici sabiex tipprova l-kaz taghha fejn inghad illi:

"*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)*";

Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' w specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.

Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat

baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.

Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta w ikollha taqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo*.

Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni.

Illi l-konvenut fl-ewwel eccezzjoni jghid li ma kienx hemm self *brevi manu* maghmul mill-attrici, izda ma jichadx li omm l-attrici kienet sellfitu xi flejjes u li kien hallas biss parti minnhom, u li hu ghalhekk li l-attrici qed tirriklama l-bilanc. Omm l-attrici, kif ukoll l-attrici, jghidu li l-konvenut kien issellef xi flus minghand omm l-attrici w li l-attrici ghamlet tajjeb ghalihom m'ommha, fis-sens li jekk il-konvenut ma jhallasx lura lil ommha, din kellha kull dritt li ddur fuq bintha ghall-flus, u kien ghalhekk li l-attrici ghamlet din it-talba, ghaliex il-konvenut ma jridx ihallasha. L-attrici ghalhekk issostni li ghandha nteress guridiku sabiex taghmel din it-talba.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Neg Albert Victor Bartoli pro et noe vs Edwin Zammit Tabona et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar l-24 ta' Marzu 1961 (vol. XLV .i.I.58) gie kkonfermat li *"presuppost specifiku tal-azzjoni gudizzjarja huwa l-interess guridiku, l-fatt cioe' kwantu ghall-attur, illi minghajr intervent tal-organi gurisdizzjonali, huwa jsofri dannu ingust. Dan l-interess irid ikun jezisiti fil-mument li tkun spjegta l-azzjoni. L-attur irid juri illi ghall-esercizju tad-dritt tieghu huwa ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti; irid juri li mill-kawza huwa jirritraji utilita' rikonoxxuta mil-ligi*" Dik il-Qorti kompliet li "*il-mizura tal-istess interess hija determinata u cirkoskritta mit-termini tac-citazzjoni , mill-objett tad-domanda (petitum) u*

*mill-motivi indikati fic-citazzjoni"*. Hekk ukoll fil-kawza **Pietro Paolo Borg vs Giuseppe Caruana** deciza fit-3 ta' Diembru 1984 il-Qorti ta' l-Appell osservat li l-interess guridiku ghandu jirrizulta mic-citazzjoni.

Fis-sentenza **Alexander Eminyan vs John Mousu pro et noe** deciza fit-28 ta' Frar 1997, il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat li l-interess guridiku jrid ikun rejali w attwali w ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur, u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u llegali allegtament kommess mill-konvenut, u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament soffert mill-attur b'konsegwenza ta' dak l-agir. Kif wisq tajjeb spjega il-gurista **Mortara** " *l-interesse ad agire o difendersi e dunque un interesse giuridico, vale a dire non puo consistere nel semplice godimento alturistico e tutto intelletuale di procurare la ripristinazione dell'impero di un anorma giuridica violate, ma deve concretarsi anzitutto nella possibilita' che chi agisce sia il sogetto del diritto che mediante la decisione della controversia vuole essere riconosciuto'*

Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda.
Dwar it-talba tal-attrici sabiex il-konvenut jiritornalha l-oggetti msemmija fil-lista esebita minnha w immarkata bhala Dok. Z a fol. 4, jinghad li l-konvenut semma biss ftit oggetti li huwa kellu oggezzjoni ghalihom, fosthom *Ronic Food Processor*, sodda, Griglioso, *dinner set*, kutra w *fridge*. Dwar dawn l-oggetti, li m'humiex imsemmija fil-lista Dok. Z l-attrici taqbel mal-konvenut u tghid li fil-verita' kien il-konvenut stess li kien xtrahom, u ghalhekk huma tieghu, u peress li dawn jinsabu ghand ommu jista' jzommhom facilment. Dwar il-kumplament il-konvenut jghid li huwa kien xtara l-*cutlery set* ukoll mill-fiera w ghalhekk din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'xhieda konfliggenti f'dan ir-rigward u mhix ser tordna lill-konvenut sabiex jghaddih lill-attrici. Dwar il-*pram 3 in 1* jinghad ukoll li hemm kontestazzjoni w dan ghaliex il-konvenut jghid li dan jinsab ghand hu l-attrici. Dwar dan l-attrici ma tghid xejn salv li kienet ommha li xtrat dan it-*3 in 1* u li

ghalhekk huwa taghha. Dwar il-wicc ta' Kristu l-konvenuta taqbel li kien xtrah l-attur pero' tghid li kien xtrah rigal lilha ghall-festa ta' San Valentinu, w ghalhekk dan illum huwa proprjeta' taghha.

Il-Qorti rat li ghalhekk illum ghad fadal diversi oggetti li jinsabu f'idejn il-konvenut u li effettivament hafna minnhom illum m'ghandhomx il-valur originali li kienet hallset ghalihom l-attrici u/jew ommha, w ghalhekk il-Qorti ma thossx li jkun gust li tikkundanna lill-konvenut ihallas il-valur moghti mill-attrici.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut qieghda tordna lill-konvenut jirritorna l-oggetti kollha msemmija fil-lista Dok. Z, salv u b'eccezzjoni ghall-*cutlery set*, u dan fi zmien gimghatejn millum, u fin-nuqqas li jaghmel dan fiz-zmien moghti lilu tordnalu jhallas is-somma pre-likwidata bhala valur ta' dawn l-istess oggetti, w cioe' s-somma ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6, 500) lill-attrici, oltre s-somma ta' hames mija tlieta u tmenin Ewro (€583) rappresentanti bilanc dovut fuq is-self *brevi manu* maghmul lill-konvenut.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------